KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

*Laqgħa Numru Sitta u Għoxrin (26)*

*It-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2026*

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 26 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIERA NAOMI MIZZI

**ASSENTI:**

IL-VIĊI SINDKU BRIAN XUEREB

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR
ADMINISTRATION OFFICER II – DONNA MALLIA

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**26.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

26.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra b'apoloġija tal-Kunsillier Naomi Mizzi fejn infurmat li ser tkun assenti għal laqgħa. Il-Kunsill approva.

**26.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 25 li nżammet nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2026.

26.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 25 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

25.2.3 **Mozzjoni Numru 26-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 25

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Christine Dalli

Il-Minuti Numru 25 ġew approvati unanimament.

26.2.4 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika li nżammet nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2026.

26.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

26.2.6 **Mozzjoni Numru 26-02** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika.

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika ġew approvati unanimament.

**26.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 26(09) – Marzu 2026***

26.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 26(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12386 sa 12452 kif ukoll cheque bin-numri 7283 u 7284 li jammontaw €57,675.56

26.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

26.3.3 **Mozzjoni 26-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 26(09)

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard

Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

L-iskeda ta' pagamenti numru 26(09) ġiet approvata unanimament.

**26.4 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2025**

26.4.1 Ir-Rapport Amministrattiv tqassam minn qabel u għhaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri.

26.4.2 Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2025

**Mozzjoni 26-03:** Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard

Sekondant: Il-Kunsillier Christine Dalli

Ir-Rapport Amministrattiv 2025 ġie approvat unanimament.

**26.5 Attivitajiet Jum Ħal Għaxaq 2026**

26.5.1 Is-Sindku Karl Boxall fetaħ id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li dakinhar taċ-Ċerimonja se jkun qed jiġi ppreżentat il-Vann li inxtara mill-fondi tal-LESA. Għaldaqstant issuġerixxa li l-Kunsill jagħmel Press Conference tal-Vann ppreżentata mill-Ministru Byron Camilleri u s-CEO tal-LESA Svetlick Flores nhar il-Ġimgħa 24 t'April filgħodu. Il-Kunsill qabel.

26.5.2 Il-Ġimgħa 24 ta' April 2026 – Ċerimonja Uffiċjali u Riċeviment (Vjal il-Labour)

Is-Sindku ppropona li waqt iċ-Ċerimonja wara l-podium jiġi installat *big screen* sabiex jintwera xogħol li twettaq matul is-sena filwaqt li s-Sindku jagħmel id-diskors tiegħu. Dwar dan il-Kunsill qabel.

Is-Sindku ppropona li s-Sur Glen Falzon bħala preżentatur tal-attività. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku ppreżenta lista ta' mistednin u ġie maqbul li jiġu mistiedna biss id-Deputati eletti.

Fir-rigward tar-rikonoxximenti:

- Il-Kunsillier Christine Dalli ppproponiet li jingħata rikonoxximent lill-Kumitat tal-Eko-Skola għall-ħidma tiegħu.
- Is-Sindku ppropona li tingħata rikonoxximent lis-Sinjura Donna Mallia għall-25 sena servizz tagħha fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq.
- Il-Kunsillier Attard issuġġerixxa li jingħata rikonoxximent lis-Sur Wiġi Duca għall-ħidma volontarja tiegħu.
- Is-Sindku talab ukoll li jiġi kkunsidrat it-Tabib iżda iktar dettalji jiġu provduti fil-Laqgħa li jmiss

Il-Kunsill qabel li dawn jitressqu fil-Laqgħa li jmiss biex jiġu kkonfermati mal-lista finali.

Fir-rigward tad-diskorsi, il-Kunsillier Stephen Attard issuġġerixxa li, peress li din hija festa tar-raħal, ma għandhomx isiru diskorsi minn Ministri u jitkellmu biss is-Sindku u l-Kappillan. Il-Kunsillier Steven Axisa qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsill approva.

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li ġew riċevuti tliet kwotazzjonijiet għall-ikel tar-riċeviment u li dik ta' Neriku kienet l-aktar waħda vantaġġuża. Il-Kunsill qabel li tiġi aċċettata din il-kwotazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv informat wkoll li l-għaqdiet lokali kollha ġew infurmati bil-ftuħ tan-nominazzjonijiet għall-Ġieħ Ħal Għaxaq u fakkret li kull nominazzjoni għandha tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti.

**26.5.3 <u>Il-Programm – Is-Sibt 25 t'April, 2026</u>**

Is-Sindku informa li filgħodu ser isiru attivitajiet sportivi organizzati minn Transport Malta u Sport Malta fi Pjazza Santa Marija bejn id-9:00am u 12:00pm.

Fir-rigward tal-attivitajiet ta' filgħaxija, ġie maqbul li l-Pjazza Santa Marija tinqasam f'żoni b'imwejjed allokati lill-Każini rispettivi.

Il-Kunsillier Attard issuġġerixxa li qabel il-prestazzjoni tal-grupp Kantera jingħata spazju lil talenti Għaxqin bejn it-8:00pm u d-9:00pm. Il-Kunsill qabel li, għal dan il-għan, jittella' avviż fuq il-paġna Facebook tal-Kunsill sabiex jiġi evalwat l-interess.

Il-prestazzjoni tal-grupp Kantera hija skedata bejn id-9:00pm u l-11:00pm.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsilliera Christine Dalli tkun il-preżentatriċi tas-serata. Il-Kunsill qabel.

**26.6.4 <u>Il-Programm – Il-Ħadd 26 t'April, 2026 –</u>**

Is-Sindku informa li dakinhar ser issir trasmissjoni tal-programm *Bonġu Malta*, u fid-9:30am ser issir Quddiesa.

Il-Kunsillier Attard informa li l-car show ser jibda bil-wasla tal-vetturi minn madwar it-8:00am. Il-vetturi ser jitqiegħdu fi Triq G.M. Farrugia, parti minn Triq Santa Marija (viċin il-Pjazza) u fi Vjal il-Labour. Il-Kunsill qabel li jitella' avviż fuq il-paġna Facebook tal-Kunsill sabiex jiġu mistiedna sidien ta' karozzi klassiċi u antiki biex jipparteċipaw.

Il-Kunsillier Attard issuġġerixxa li tinfetaħ il-Berġa għall-għoti tad-demm. Is-Sindku informa li hemm bżonn jiġi vverifikat jekk il-faċilitajiet humiex adegwati. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Attard informa wkoll dwar il-parteċipazzjoni tal-forn tal-ħabs u attivitajiet relatati mal-klieb.

Il-Kunsillier Steven Axisa informa lill-Kunsill li ġiet proposta sabiex it-Tberik tal-Annimali jsir is-Sibt minflok il-Ħadd, madankollu l-Kunsill ma qabilx li tinbidel id-data u ddeċieda li

l-attività tibqa’ ssir kif ippjanat il-Ħadd. Ġie wkoll maqbul li l-ispejjeż relatati mat-trofej jiġu koperti mill-Kunsill Lokali.

**26.6 Korrispondenza**

26.6.1 Tressqet korrispondenza biex il-Kunsill jiġi infurmat rigward approvazzjoni sabiex issir Communal Reserved Parking fi Triq il-Barklor.

26.6.2 Tressqet korrispondenza rigward attivita’ fuq Santu Rokku organizzata mill-iskola għat-tfal tal-Kindergarden fit-22 ta’ Mejju, 2026. Ma kien hemm ebda oġġezzjoni. Dakinhar se jkun hemm ukoll il-parteċipazzjoni tal-Community Police.

26.6.3 Tressqet korrispondenza rigward variation fit-tender tat-Turretta, fejn il-kuntrattur ġie mitlub stima sabiex jirranġa 6 travi oħra li ma kinux inklużi fit-tender skond rakkomandazzjoni tas-Superintendenza tal-Wirt Nazzjonali. L-ispiża tammonta għall-€1911.60 Vat inkluża. Dan l-ammont se jkun imħallas mill-Kunsill Lokali iżda is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed tgħaddi din l-informazzjoni lid-Dipartiment biex naraw tistax tiġi approvata taħt l-iSkema tal-Fondi għal Finanzjament ta’ Proġett Kapitali SPI/SCI/09/2022. Il-Kunsill qabel.

26.6.4 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma’ TCTC sabiex jiġi organizzati korsijiet għat-tfal dwar l-Użu tal-AI b’mod responsabbli. Dan il-kors jammonta €2,500 għal massimu ta’ 50 student. Sabiex isir dan il-kors irridu nsibu post fejn jiġi armat l-apparat (€500 set up fee u € 250 dismantling). Dwar dan is-Sindku qal li s’issa ma sabx post addattat fejn isir, iżda jekk il-Kunsill jagħmel il-ħsieb li jorganizzah, jistgħu jinġiebu fondi mill- Malta Digital Innovation Authority li jkopri dawn l-ispejjeż. Il-Kunsillier Christine Dalli issuġġeriet bħala post jekk hux possibbli li jsiru l-Iskola Primarja, s-Sindku Karl Boxall qal li ser jipprova jkellem lil amministrazzjoni tal-Iskola. Il-Kunsilliera Christine Dalli issuġġeriet ukoll li jekk ma jinstabx dan il-post naraw hux possibbli li jsiru dawn il-korsijiet fis-sala tal-Każin tal-Labour. Il-Kunsill qabel.

26.6.5 Tressqet korrispondenza mingħand resident fejn preżenta rapport mill-pulizija li jgħid li waqgħet tabella tat-triq fuq il-karozza waqt il-maltempati li saru. Huwa preżenta stima ta €920.40 li tinkludi l-ħsarat fil-karozza kif ukoll xi ritratti. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jkopri dawn l-ispejjeż peress li kien hemm fond apposta allokat sabiex jagħmel tajjeb għal spejjeż relatati ma’ Storm Harry.

*Il-Kunsillier Steven Axisa attenda 18:35*

26.6.6 Tressqet korrispondenza dwar skema sabiex isiru dog parks jew cat cafe fil-lokal. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li kien niżel mas-Sindku Karl Boxall jara l-proġett taż-Żebbuġ sabiex hemmhekk isir dog park. Is-Sindku Karl Boxall qal li skond il-Perit ta’ Project Green dan jista’ jitwettaq wara li jiġi inawgurat sabiex tiġi allokata żona għalhekk. Il-Kunsillier Attard issuġġerixxa żona lejn Triq il-Miksur fejn hemm propost li ssir il-binja tal-Kunsill Lokali, is-Sindku qal li jekk se ssir l-applikazzjoni għaċ-Ċentru Ċiviku ma nistgħu napplikaw ukoll biex isir dog park. Is-Sindku Karl Boxall qal ukoll li qed jiċċekkjaw sabiex ikun jaf lil min tappartjeni l-għalqa fejn sar Ġnien il-Familja fi Triq il-Bwar.

**26.7 Applikazzjoni minn Pjazza għall-Pjazza**

26.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tal-Pjan li sar s'issa bil-ħsieb li tintbagħat l-applikazzjoni minn Pjazza għal Pjazza.

26.7.2 Qed jiġi propost li l-attivita' tingħata l-isem ta' 'L-Hena li Tħaddan il-Kultura Għaxqija' u bħala dati qed jiġi ssuġeriet nhar is-Sibt 29 t'Awwissu u bħala it-tieni preferenza is-Sibt 19 ta' Settembru, 2026, fi Pjazza Santa Marija. Il-Kunsillier Attard qal li ser jiċċekkja mal-Għaqda Mużikali Santa Marija dwar it-tieni data ta' Settembru jekk dakinhar ikunux ser itellgħu x'attivita' min-naħa tagħhom.

26.7.3 Wara diskussjoni qasira dwar il-proposti imressqa, il-Kunsill qabel li se japplika għal din l-applikazzjoni.

**26.8 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

26.8.1 Is-Sindku Karl Boxall ressaq is-suġġeriment sabiex isiru double yellow lines jew continuous white lines fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li jsiru u li jiġi nfurmati *Transport Malta*.

26.8.2 Is-Sindku Karl Boxall informa li hemm il-ħtieġa sabiex issir *road hump* wara l-Knisja. Il-Sindku nforma wkoll li kull min ħa jiffirma għal *road hump* din ser tibqa' fissa hemm u mhux ħa tinqala'. Il-Kunsill qabel li din tiġi nstallata hekk kif ikun hemm il-firem tar-residenti li jridu li din tiġi mwaħħla.

26.8.3 Is-Sindku Karl Boxall informa li hemm skema tal-MAFA, din taqa' taħt is-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said, fejn infurmat li ġiet avviċinata minn persuna minn Ħal Għaxaq sabiex tipparteċipa f'din l-iskema. Din tinvolvi gruppi ta' nies b'dawra mal-port fejn wara jieqfu x-xatt ta' Bormla ġo ristorant hemmhekk fejn ikun qed jagħti dimostrazzjoni ta' kif jissajjar il-ħut u dan wara jittiekel. Is-Sindku Karl Boxall qal li din il-ħarġa titella' mill-Kunsill Lokali u bħala organizzazzjoni ssir kollha minn din il-persuna. Il-Kunsill qabel li japplika.

26.8.4 Is-Sindku Karl Boxall informa li qed ikun hemm sewqan eċċessiv lejn Triq Napuljun Caruana Dingli għalhekk hemm bżonn li din ssir *One Way.* Il-Kunsill qabel li ssir u jiġu nfurmati *Transport Malta* b'din il-bidla.

**26.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

26.9.1 Il-Kunsillier Steven Axisa xtaq jitkellem dwar il-ġbir tal-iskart partikolarment dwar il-ħin tal-ġabra li qed ikun kmieni wisq fis-7:00 ta' filgħodu speċjalment dak organiku. Il-Kunsillier Axisa ssuġġerixxa li għandna ninfurmaw lir-Reġjun li l- ħruġ tal-iskart il-Kunsill

Lokali ma jaqbilx miegħu u li għandu jinġabar skond it-*tender* fis-7:30 ta' filgħodu. Il-Kunsill qabel.

26.9.2 Il-Kunsillier Stephen Attard issuġġerixxa li għandna noffru t-trasport lid-dar tal-Anzjani tar-raħal għal quddiesa tal-Isqof fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Għaxaq, sabiex ninfurmaw lill-*Home* jekk hemmx interess u li l-Kunsill lest li joffri t-trasport. Il-Kunsill qabel.

26.9.3 Il-Kunsillier Stephen Attard qal dwar il-ħtieġa li Triq il-Qattus tiġi One Way. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tara kif kienet saret it-talba u jekk hemmx il-ħtieġa li terġa' tiġi ċċekjata. Il-Kunsill qabel

26.9.4 Il-Kunsillier Stephen Attard issuġġerixxa sabiex ssir laqgħa dwar *Traffic Management*, peress li hemm ċertu każijiet qed idumu ftit. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lill-Kunsillier Attard sabiex jiġbor lista ta' talbiet pendenti li għandu sabiex jiġu ndirizzati. Is-Sindku nforma li din għandha ssir kif jgħaddi Jum Ħal Għaxaq. Il-Kunsillier Stephen Attard qabel.

**26.10 <u>Mozzjonijiet</u>**

26.10.1 Annessi mal-Minuti

**26.11 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

26.11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata Ħamis, 9 t'April , 2026, fil-5:30 p.m.

Il-Minuti ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza tas-Sinjura Donna Mallia.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm.

| ______________________ | ______________________ |
|---|---|
| Fiona Cutajar<br>Segretarju Eżekuttiv | ikkonfermati<br>Karl Boxall<br>Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 26**

**Mozzjoni Ref:** 26-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 25

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 17 ta' Marzu 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 26**

**Mozzjoni Ref:** 26-02

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard** | **Jesmond Manicolo** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 17 ta' Marzu 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 26**

**Mozzjoni Ref:** 26-03

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 26

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard**<br>**Proponent** | **Jesmond Manicolo**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 17 ta' Marzu 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 26**

**Mozzjoni Ref:** 26-03

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat ir-Rapport Amministrattiv 2025

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 17 ta’ Marzu 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**